MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1791/2003

**Dr. Victor E. Ragonesi**

**vs**

**Amy Brincat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mitt lira, u fejn intqal:**
**Illi peress li l-intimata Amy Brincat fl-24 ta' marzu, 2003 kienet qed issuq vettura JBC-968 il-Marsa, liema vettura hija assigurata mas-socjeta` intimata Fogg Insurance Agencies Limited; u**
**Peress illi illi l-intimata Amy Brincat, waqt li kienet qed issuq l-imsemmija vettura, minhabba traskuragni, inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku u b'abbuz waqt is-sewqan, dahlet fih u laqtghet il-vettura VER-**

**456 misjuqa mill-attur, u kkagunatlu danni li ma jissuperawx is-somma ta' tmien mitt lira (Lm800), jghidu l-konvenuti ghaliex, minhabba r-rifjut ta' Amy Brincat li taccetta r-responsabilita` m'ghandux jigi dikjarat illi d-danni sofferti mill-attur huma responsabilita` tal-konvenuta Amy Brincat, m'ghandhomx dawn id-danni jigu likwidati permezz ta' periti nominandi u konsegwentement ghaliex l-konvenuti m'ghandhomx jigu solidalment kkundannati jhallsu s-somma hekk likwidata, bl-interessi u l-ispejjez komprizi dawk tal-korrispondenza mibghuta liz-zewg konvenuti.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti, prezentata fit-22 t'Ottubru, 2003, fejn intqal:**
**Fl-ewwel lok, illi s-socjeta` konvenuta Fogg Insurance Agencies Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jsofri l-ispejjez tat-talba tieghu fil-konfront tal-istess socjeta` konvenuta;**
**Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Amy Brincat hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni reklamati huma ferm eccessivi, wkoll kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Victor Ragonesi, Amy Brincat, Alfred Farrugia u PS 1283 Carmel Costa. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li ssehhet fl-24 ta' Marzu, 2003 fil-Marsa, hdejn ir-ropundabout li**

**hemm vicin tal-Moll tal-Hatab. Il-vetturi involuti fil-kollizzjoni kienu il-vettura VER-456 misjuqa mill-attur u l-vettura JBC-968 misjuqa mill-konvenuta. Il-vettura ta' l-attur hija "left hand drive".**

**2. Dwar l-ewwel eccezzjoni, cioe` li s-socjeta` konvenuta Fogg Insurance Agencies Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, dan huwa minnu. Ir-relazzjoni guridika tas-socjeta` konvenuta hija mal-konvenuta u mhux mal-attur. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha.**

**3. Dwar l-incident jirrizulta li l-attur kien qed isuq qrib il-karreggjata ta' barra, biex jaqbad ir-roundabout u idur maghha biex imur fid-direzzjoni tal-lemin lejn il-Port. L-attur kellu l-indicator mixghul biex juri l-fejn kien sejjer. Skond l-attur waqt li qed jimmanuvra dwar ir-roundabout hass daqqa fuq il-lemin tal-vettura tieghu, u waqaf xi ftit il-boghod. L-attur sab li kienet sehhet kollizjoni mal-konvenuta.**

**4. Il-konvenuta qed tghid li hi kienet qed issuq minn Timber Wharf sejra lejn St. Francis Avenue. Il-konvenuta, li kienet fil-karreggata ta' barra, riedet tghaddi mar-roundabout minghajr ma ddur maghha, peress li riedet tkompli sejra fid-dritt. Skond il-konvenuta hi rat lill-attur gej, u hi tghid li kien warajha qabel ma waslet ghar-roundabout.**

**5. Bazikament l-incident sehh peress illi l-konvenuta riedet tkompli sejra fid-dritt, filwaqt illi l-attur ried jikser lejn il-lemin.**

**6. Id-daqqa fuq il-vetturi kienet minima. L-attur kellu danni fil-bieba ta' quddiem in-naha tal-lemin, filwaqt li l-konvenuta kellha d-danni fit-tarf tax-xellug tal-bumper ta' quddiem (Dok.AB1 sa AB3). Ma jirrizultax li ebda wahda mill-vetturi ma kienet ghaddejja b'xi velocita`. Id-daqqa tindika li fil-fatt l-attur kien qed jipprecedi lill-konvenuta, tant hu hekk li d-daqqa tieghu kienet fil-bieba bil-ponta tal-bumper taghha.**

**7. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal l-konvenuta ma kienetx qed izzomm proper look out ghat-traffiku li**

**kien hemm u kienet din il-kawza prossima tal-kollizzjoni.**

**8. Dwar id-danni subiti, ma jirrizultax li l-attur sewwa, filwaqt li ma jirrizultax li l-konvenuta kellha danni. Mis-survey report esebit u konfermat mis-surveyor Alfred Farrugia, jirrizulta li d-danni fil-vettura tal-attur jammontaw ghall-sebgha u disghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm97.25). Ma hemm ebda prova in sostenn ta' dak li qed jghid l-attur li kien hemm ukoll tnejn u erbghin lira u erbgha u ghoxrin centemu (Lm42.24) li s-surveyor ma nizzilx, li jirrigwardaw il-parti ta' taht l-indicators. Ghalhekk it-Tribunal qed jistrieh fuq is-survey maghmul.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jillibera lis-socjeta` konvenuta Fogg Insurance Agencies Ltd mill-osservanza tal-gudizzju peress illi tali socjeta` ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur, qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta Amy Brincat unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' sebgha u disghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm97.25), u jikkundanna lill-istess Amy Brincat thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' sebgha u disghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm97.25), bl-interessi legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi, hlief ghall-ispejjez tas-socjeta` konvenuta Fogg Insurance Agencies Ltd li ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------